**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' April, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1123/2007 AF**

**Id-Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali**

**vs**

**Tarcisio Borg li b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' Marzu 2011, il-Qorti ordnat li jissejjah fil-kawza l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali tad-29 t' Ottubru 2007, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Fit-2 ta' Settembru 1998, l-ispeed boat S-7884 mghammra b'zewgt muturi 175HP, (li ritratti taghha qeghdin jigi hawn esebiti u mmarkati Dok. 104), proprjetà ta' Tarcisio Borg izda fil-pussess ta' certu Joseph Agius kienet twaqqfet mill-memebri tal-Forzi Armati u nstab illi kien hemm kunsinna illegali ta' ghasafar u ghalhekk saret inkjesta Magisterjali.

Bhala rizultat ta' tali inkjesta, l-ispeed boat S-7884 nzammet mill-Pulizija.

Permezz ta' digriet tal-Magistrat Dr. A. Lofaro datat 24 ta' Settembru 1998, Tarcisio Borg, wara li talab sabiex jiehu lura l-ispeed boat S-7884, kien ordnat mill-Qorti sabiex is-speed boat b'numru ta' reigstrazzjoni S-7884 "tibqa'" fil-pussess u kontroll esklussiv ta' "Tarcisio Borg" sa tmiem il-kawza u dan invista tal-fatt li din id-dghajsa kellha tigi esebita formalment fil-kawza odjerna, skond kif jidher mid-digriet tal-Qorti u rikors ohra precedenti, hawn anness u mmarkat Dok. A.

Permezz ta' sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru 2006, din l-imsemmija speed boat giet konfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

Hekk kif l-ufficjali tad-Dwana marru biex jiehdu pussess tal-imsemmija speed boat nhar it-23 ta' Novembru 2006, Tarcisio Borg infurmahom illi filwaqt li huwa kien fil-pussess tal-hull ta' din l-ispeed boat huwa ma kienx ghadu fil-pussess tal-muturi outboard taghha, kif jidher fl-annessa ittra taghhom datata 11 ta' April 2007 hawn mmarkata Dok. B.

Permezz ta' rikors ipprezentat fid-29 ta' Mejju 2007 mill-Avukat Generali, huwa gab ghal konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti dana kollu u talab li din l-Onorabbli Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-awtorità taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 (Dokument D).

B'digriet tat-8 ta' Gunju 2007 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti (Dokument D).

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Issib lil intimat Tarcisio Borg hati ta' disprezz ghall-awtorità taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat id-dokumenti hemm annessi, fosthom dawk li permezz taghhom inbdew il-proceduri odjerni ta' disprezz u d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-24 ta' Settembru, 1998, (fol. 12 tal-process) li permezz tieghu ordnat li l-ispeedboat in kwistjoni kellha tibqa' fil-pussess u kontroll esklussiv ta' Tarcisio Borg (u dan fuq talba ta' l-istess Borg).

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talbiet ghadhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta fil-kawza odjerna.

Bir-rispett kollu u kif ser jigu ppruvat id-dghajsa ossija speed boat S-7884 qieghda taht il-kontroll effettiv tad-Dwana ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-rikors tal-intimat tat-18 ta' Mejju, 2009, li permezz tieghu ressaq aggravji ta' natura Kostituzzjonali li permezz tieghu huwa jsostni li wara d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati li awtorizzatu jirtira u juza l-ispeed boat tieghu, pero bl-obbligu li ma jiddisponix minnha, inghatat sentenza fit-23 ta' Ottubru, 2006, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Agius, li permezz taghha giet konfiskata favur il-Gvern ta' Malta din l-ispeedboat proprjetà tieghu, minkejja li ma kellu x'jaqsam xejn mal-akkuzi in kwistjoni u jikkontendi li l-ordni tal-konfiska tmur kontra d-dispost tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali. Wara din is-sentenza, l-Awtoritajiet koncernati, elevaw l-ispeedboat in kwistjoni li kellha l-outboards mankanti, peress li kien ghadda

z-zmien u kellhom il-hsara, bil-konsegwenza li nbdew il-proceduri odjerni ta' disprezz lejn l-ordni tal-Qorti.

L-intimat jilmenta li dan jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tieghu peress li gie deprivat mill-proprjetà tieghu minghajr ma inghata kumpens, liema dritt huwa sancit fl-artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Inoltré jikkontendi li gie lez lilu d-dritt li jkollu access ghall-Qorti indipendenti u parzjali sabiex jigi stabbilit l-interess tieghu fuq l-ispeed boat de quo u dan bi ksur tal-istess precitati disposizzjonijiet tal-ligi. Ghalhekk, l-intimat Borg qieghed jitlob li ai termini ta' l-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ghandha tissindika dawn l-aggravji ta' natura Kostituzzjonali u konsegwentement (1) tiddikjara li l-proceduri civili odjerni ta' disprezz kontra tieghu ghandhom jigu mhassra u (2) tordna li jinghata kumpens xieraq u idoneu talli ittiehditlu d-dghajsa u (3) sabiex taghti d-direttivi kollha opportuni sabiex jigu sanciti d-drittijiet kollha tieghu.

Rat ir-risposta tad-Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali li permezz taghha ddikjara li r-rikors tal-intimat huwa biss tentattiv sabiex jigu evitati l-proceduri ta' disprezz lejn il-Qorti, peress li ladarba l-ispeedboat in kwistjoni inqabdet waqt il-kommissjoni ta' reat, l-intimat tilef kull dritt meta halla lil terzi juzaw id-dghajsa sabiex jigi kommess ir-reat, u jekk xejn huwa ghandu dritt kontra terzi persuni li uzaw id-dghajsa sabiex jigi kommess ir-reat, izda mhux dritt kontra l-Istat. Gie rilevat ukoll li l-uniku dritt li gie lez huwa dak moghti lill-Istat sabiex jiehu f'idejh dghajsa konfiskata flimkien ma' zewg magni, li kienu gew fdati lill-intimat u issa wara li l-istess intimat naqas milli jottempra ruhu mal-ordnijiet tal-Qorti, qieghed jipprova jahrab minnu. Ghalhekk talab li l-Qorti tichad it-talbiet imressqa mill-istess intimat.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta, tas-17 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu, wara li rat l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, ma qiesetx it-talba ta' Tarcisio Borg bhala wahda frivola u vessatorja u ghalhekk ser tghaddi biex tiehu konjizzjoni tat-talba fl-aspett kostituzzjonali taghha u ordnat li jissejjah fil-kawza l-Avukat Generali.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali tat-30 ta' Mejju, 2001, li in forza taghha laqa' ghar-rikors ta' Borg billi, b'mod preliminari qal li kellhom jigu allegati l-atti tal-process kriminali illi permezz taghhom giet ordnata l-konfiska ta' l-ispeedboat in kwistjoni u qal li r-rikorrent kien naqas li jinqeda bir-rimedji ordinarji spettanti lilu skond il-ligi. Fil-mertu laqa' billi qal li l-ordni ta' konfiska ma tmurx kontra dak dispost mill-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali; illi ma jista' qatt jigi kkontemplat li gie lez xi dritt ta' proprjetà ta' Borg meta d-dghajsa giet ikkonfiskata wara li giet uzata sabiex jigi kommess reat; li Borg tilef kwalunkwe dritt li seta' kellu fuq l-imsemmija sppedboat meta ppermetta lil terzi juzaw id-dghajsa tieghu sabiex jigi kommess reat; illi Borg kellu kull fakolta' li jintavola l-proceduri kontra Joseph Agius li nstab hati li sserva ruhu mill-ispeedboat ta' Borg sabiex jikkometti d-dellitti li taghhom instab hati; in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ma jista' jinghata ebda kumpens u dan skond id-dispost ta' l-artikolu 47(8) tal-Kostituzzjoni; illi mhux minnu li Tarcisio Borg ma kellux access ghal Qorti indipendenti u imparzjali u dan skond l-artikoli 23 u 675(5) tal-Kodici Kriminali, liema rimedju huwa ghazel li ma jutilizzax; u li dawn il-proceduri Kostituzzjonali huma biss tentattiv li jahrab mill-proceduri ta' disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti, meta l-uniku dritt lez kien dak moghti lill-Istat sabiex jiehu f'idejh dghajsa konfiskata. Ghalhekk l-Avukat Generali jikkontendi li ghandhom jigu michuda t-talbiet kollha ta' Tarcisio Borg, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti tas-7 ta' Frar, 2012, li permezz taghha ordnat li jigu allegati l-atti tal-proceduri "152/00, fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Agius, deciza fit-23 ta' Ottubru, 2006 quddiem il-Magistrat Lawrence Quintano.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Ottubru, 2006, fl-ismijet Il-Pulizija vs Joseph Agius.

Rat ix-xhieda ta' Carmel Attard, ufficjal tad-Dwana.

Rat ix-xhieda ta’ l-intimat Tarcisio Borg.
`
Rat in-nota pprezentata minn Tarcisio Borg fit-18 ta’ Jannar, 2013.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghandu jinghad mal-ewwel li din is-sentenza titratta biss il-mertu tar-referenza Kostituzzjonali li tqajjmet mill-intimat Borg, dan qieghed jinghad minhabba l-posizzjonijiet differenti mehuda mill-partijiet hekk kif jirrizulta min-noti ipprezentati mill-partijiet fil-kawza u dan sabiex jigi evitat kull pregudizzju. Huwa ritenut li l-proceduri ta’ disprezz jimmeritaw konsiderazzjonijiet separati minn dawk t’indoli kostituzzjonali, li madanakollu ghandhom jiehdu kont ta’ dak li ser ikun gie deciz permezz ta’ din is-sentenza. Ghalhekk filwaqt li ser tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti tiddikjara li l-mertu tal-kawza ta’ disprezz ser jigi trattat separatament wara li jigi ezawrit dan l-ilment ta’ indoli kostituzzjonali.

Fir-referenza odjerna l-intimat qieghed jikkontendi li s-sentenza fit-23 ta’ Ottubru, 2006, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Agius, li permezz taghha giet konfiskata favur il-Gvern ta’ Malta, l-ispeedboat proprjetà tieghu, bin-numru ta’ registrazzjoni S-7884, minkejja li ma kellu x’jaqsam xejn mal-akkuzi in kwistjoni u jikkontendi (1) li l-ordni tal-konfiska tmur kontra d-dispost tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali. Minn ezami tan-nota tieghu, l-intimat ma jibqax jinsisti fuq din il-linja meta jghid li dan il-provvediment effettivament ma joffrix rimedju ghalih fic-cirkostanzi tal-kaz u ghalhekk il-Qorti mhux ser tistharreg aktar dan l-ilment. (2) L-intimat jilmenta li permezz ta’ l-imsemmija konfiska gew lezi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tieghu peress li gie deprivat mill-proprjeta’ tieghu minghajr ma inghata kumpens, liema dritt huwa sancit fl-artikolu 37 (1) (b) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-

Drittijiet tal-Bniedem. (3) Inoltré jikkontendi li gie lez lilu d-dritt li jkollu access ghall-Qorti indipendenti u parzjali sabiex jigi stabbilit l-interess tieghu fuq l-ispeed boat de quo u dan bi ksur tal-istess precitati disposizzjonijiet tal-ligi.

In kwantu ghall-eccezzjonijiet preliminari ta' l-Avukat Generali meta msejjah fil-kawza:

(i) li ghandhom jigu allegati l-atti tal-process kriminali, li permezz taghhom giet ordnata l-konfiska in kwistjoni. Din l-ewwel eccezzjoni preliminari giet ezawrita, ladarba din il-Qorti ordnat li jigu allegati l-atti tal-proceduri "Drogi 152/00, fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Agius, deciza fit-23 ta' Ottubru, 2006 quddiem il-Magistrat Lawrence Quintano; u

(ii) illi l-istess Borg naqas milli jezawrixxi ir-rimedju ordinarju spettanti lilu ai termini ta' l-artikolu 23 u l-artikolu 675 (5) tal-Kodici Kriminali. In kwantu ghat-tieni eccezzjoni fejn l-Avukat Generali jistieden lil din il-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat Kostituzzjonali taghha, peress li Borg naqas milli juza r-rimedji ordinarji disponibbli ghalih, din il-Qorti ma jidhriliex li tista' tilqa' din l-istedina gialadarba permezz tad-digriet taghha tas-17 ta' Marzu, 2011, esprimiet l-opinjoni taghha li t-talba ta' Tarcisio Borg ma kenitx wahda frivola u vessatorja ai termini ta'l-artikolu 46 (3) u ghalhekk ser tghaddi biex tiehu konjizzjoni tat-talba fl-aspett kostituzzjonali taghha. Ghalhekk f'dan l-istadju l-Qorti mhux ser tilqa' din l-eccezzjoni. Dan qieghed jinghad ukoll a bazi tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha tat-23 t'Ottubru, 2014, fl-ismijiet **Mario Falzon vs. Direttur Generali tad-Dwana et,** u taghmilhom taghha.

Fil-mertu, Tarcisio Borg qieghed jilmenta li gew lezi d-drittijiet tieghu taht l-artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-mertu ta' dan l-ilment l-Avukat Generali filwaqt li jichad li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, jelenka numru ta' ragunijiet li ser jigu trattati hekk kif jigi ezaminat kull allegat ksur.

**Allegata lezjoni ta' Dritt ta' Proprjetà kif sancit taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

L-artikolu 37(1)(b) li huwa mressaq ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti jipprovdi dwar protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens u specifikament jistipula li:

> *"(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist - ...*
>
> *(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; ..."*

Hu evidenti li z-zewg elementi essenzjali applikabbli taht dan l-artikolu huma: - it-tehid forzuz ta' proprjetà u - id-dritt t'access ghall-qrati sabiex il-persuna li tippretendi kumpens, jigi deciz l-interess jew dritt taghha fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kumpens li tista' tkun intitlolata ghalih. In kwantu l-ordni ta' konfiska jista' jigi meqjus bhala tehid forzuz, l-abbli difensur ta' l-Avukat Generali tirrileva li dan l-ilment ma jregix inkwantu t-tehid forzat tal-imsemmija speedboat irrizulta mill-konsegwenza ta' ksur ta' ligi u wara dikjarazzjoni ta' htija ta' reat kriminali u ghalhekk isegwi li s-sentenza tal-Qorti ma tammontax ghal ebda vjolazzjoni tad-dritt ghall-proprjetà. F'dan ir-rigward hija tirreferi ghat-tieni subinciz ta' l-istess artikolu fejn jipprovdi:

> *"(2) Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà – ....*

*(b) bhala penali ghal, jew bhala konsegwenza ta', ksur tal-ligi, sew jekk bi proceduri civili jew wara dikjarazzjoni ta' htija ta' reat kriminali;...*

*(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati;"*

Borg jikkontendi li l-ordni tal-konfiska ddeprivatu mill-proprjetà tieghu meta cahditlu l-kontroll u l-pussess ta' l-istess u ghalhekk jistieden lil din il-Qorti tezamina jekk tali ordni kenitx gustifikata jew le. Min-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet jirrizulta li hemm qbil illi in kwantu l-ordni ta' konfiska giet ordnata ai termini tal-provvedimenti tal-ligi tad-Dwana, partikolarment l-artikoli 68 u 69 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn ezami ta' l-istess sentenza li ordnat il-konfiska ta' l-ispeedboat *de quo*, din tirreferi ghal zewg sentenzi ohra tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, senjatament dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Mary Salerno et,** deciza fit-18 ta' Mejju, 2006, u **Il-Pulizija vs. Massimo Drago**, deciza 22 ta' Jannar, 2004, fejn f'din l-ahhar sentenza kien ritenut:

*"Issa kif tajjeb issottomettiet il-prosekuzzjoni skond l-artikoli 68 u 69 tal-imsemmi Kap.37, il-konfiska ta' kull vettura jew hag'ohra li xjentement tkun giet uzata fil-habi jew trasport ta' oggetti li fuqhom ma jkunx gie mhallas jew kawtelat id-dazju jew taxxa tas-sisa hija wahda tassattiva. Taht din il-ligi specjali ma hemm ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kontemplata, bhal ma – taht cirkostanzi ohra - jista' jkun hemm taht dak li jipprovdi l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali.*

*Dak li jrid jigi pruvat mill-Prosekuzzjoni, kif fil-fatt jidher li gie pruvat ghas-sodisfazzjon pjen tal-Ewwel Qorti f'dan il-kaz, huwa biss u semplicement li l-imputat appellat xjentement kien ghamel uzu minn tali vettura, irrispettivament mill-fatt lil min tali vettura kienet tappartjeni, jew jekk il-persuna li ghaliha kienet tappartjeni il-van kienetx direttament jew indirettament konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel l-appellat.*

*Ghad-distinzjoni ta' l-artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali, li jiddisponi li jista' jkun hemm eccezzjoni ghall-konfiska*

*bhala konsegwenza tal-piena stabilita mill-ligi ghad-delitt, meta persuna li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti, l-artikoli 68 u 69 ma joholqu ebda eccezzjoni f' dan is-sens .*

*L-artikolu 68 jiddisponi li :-*

*"Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta' garr li jkun sar xjentement uzu minnhom…. fit-twarrib jew fil-garr …ta' oggetti li id-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska* ***ghandhom jigu konfiskati****."*

*L-unika eccezzjoni li taghmel il-ligi hija fil-kaz ta' bastiment li jkun ta' purtata ta' aktar minn mitejn u hamsin tunnellata.*

*L-istess artikolu 69 ma jaghmel ebda distinzjoni simili ghal dik kontenuta fl-artikolu 23 tal-Kap.9."*

B'hekk isegwi li l-Avukat Generali korrettement jikkontendi li l-ordni ta' konfiska ma tmurx kontra d-dispost ta' l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-Qorti tal-Magistrati ta' Malta kienet korretta u gustifikata fis-sentenza taghha meta ordnat il-konfiska ta' l-ispeedboat ai termini tal-legislazzjoni doganali wara li sabet li Joseph Agius (l-akkuzat f'dawk il-proceduri) hati tar-reati imputati lilu skond l-istess ligi. Ghalhekk l-ordni ta' konfiska tal-Qorti in kwantu t-tehid forzuz ta' l-ispeedboat ta' Borg isegwi dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali da parti ta' Joseph Agius, kif ukoll l-agir tal-ufficjali tad-Dwana biex jelevaw l-ispeedboat, in ezekuzzjoni tas-sentenza tat-23 t'Ottubru, 2006, tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, huma in konformità mal-ligi tad-Dwana u ma tistax issib li tali agir kien bi ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Madanakollu Borg jilmenta li din l-ordni ta' konfiska u partikolarment meta nbdew dawn il-proceduri ta' disprezz rrekawlu dannu. Huwa jinsisti li l-lanjanza tieghu mhix diretta kontra l-agir ta' Joseph Agius izda kontra l-proceduri mibdija mid-Direttur rikorrenti fil-proceduri ta' disprezz! Hawnhekk il-

Qorti thoss illi ghandha tirrileva li l-istqarrija tal-intimat hija meqjusa pjuttost anomala peress li huwa ritenut li kien dan l-agir ta' Joseph Agius li wasslet l-intimat fis-sitwazzjoni li jinsab fiha llum. Bizzejjed jinghad illi fir-rikors tieghu tal-10 ta' Settembru, 1998, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, meta Borg talab li jirriprendi l-pussess ta' l-imsemmija dghajsa li kienet esebita fl-atti tal-inkjesta, filwaqt li rrileva li kien totalment estraneju ghall-investigazzjonijet li kienu ghaddejjin, qal li kien halla d-dghajsa fil-kustodja ta' Agius, sakemm kien imsiefer, u li dan ta' l-ahhar kien misapproprja l-imsemmija dghajsa! Meta l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat il-konfiska tal-ispeedboat wara li sabet l-imputat Agius hati fost affarijiet ohra, tar-reat doganali, mela huwa car li kien dan l-agir ta' Agius li waslet lill-intimat fis-sitwazzjoni prezenti, wara kollox il-Qorti mxiet mal-provvedimenti tal-ligi. Ghalhekk huwa ritenut li kien ikun ghaqli ghall-intimat li jissalvagwardja l-interessi tieghu kontra dan Agius, irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja ta' dan ta' l-ahhar.

Ghalkemm din il-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tad-Direttur u ta' l-Avukat Generali mressqa fir-risposti rispettivi taghhom, li Borg tilef id-drittijiet kollha hekk kif ippermetta lill-terzi sabiex tintuza d-dghajsa tieghu sabiex jigi kommess reat, peress li minn imkien ma jirrizulta li Borg kellu x'involviment fir-reat li Agius kien mixli bih, taqbel mas-sottomissjoni taghhom in kwantu Borg kellu kull fakoltà li jintavola proceduri kontra Agius fl-interess personali tieghu u jekk m'ghamilx dan ma jista' jwahhal f'hadd ghajr fih innifsu.

Hekk ukoll fix-xhieda tal-intimat tas-16 ta' Jannar, 2013, irrizulta li fil-kaz tal-agent, dan allegatament zamm il-muturi wara li qalaghhom u peress li rrizulta li l-arloggi tal-magni kienu mbabsa (probabilment mill-istess Agius), l-agent la kkumpensa lill-intimat u lanqas ma rritornahom lill-intimat, peress li l-persuna li kien qieghed izomm il-magni spicca miet u l-eredi tieghu ma sabu xejn. Minkejja dan, l-intimat jistqarr li lanqas ma ha ebda passi fil-konfront ta' l-agent. Huwa ritenut li l-intimat ma jistax jilmenta mit-telf li garrab minn dawn il-grajjiet ghaliex kien huwa stess li ddecieda li ma jissalvagwardjax l-interessi tieghu skond il-ligi. Ma jistax issa jippretendi kumpens ta' dan kollu minghand min kien qieghed

japplika l-ligi fis-shih, meta kien l-agir ta' terzi u n-nuqqas tieghu li jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni spettanti lilu fil-konfront tal-imsemmija terzi li wassal ghat-telf li garrab.

Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tichad it-talba tar-rikorrent ghal kumpens materjali mitlub in kwantu ittehditlu d-dghajsa.

## Dritt t'Access ghal Qorti

Tarcisio Borg jishaq illi permezz ta' dawn il-proceduri mhux qieghed jattakka xi provvediment tal-ligi inkwantu inkompatibbli mal-Kostituzzjoni izda l-ilment tieghu huwa dwar l-effetti tas-sentenza kriminali li ordnat il-konfiska tad-dghajsa proprjeta' tar-rikorrenti. Dan l-ilment ghandu jigi verifikat in kwantu t-tieni element protett taht l-artikolu 37(1)(b) senjatment, id-dritt t'access ghall-qrati sabiex il-persuna li tippretendi kumpens, jigi deciz l-interess jew dritt taghha fuq il-proprjetà.

In sostenn ta' dan l-ilment Borg jikkontendi li bhala sid l-ispeedboat ma kellu ebda rimedju peress li ladarba l-Qorti tal-Magistrati mxiet mal-provvedimenti tal-ligi taht il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta meta ordnat il-konfiska, l-uniku procedura li seta' kellu sabiex jikkontesta tali konfiska bhala sid l-ispeedboat kienet li jaghmel rikors hekk kif kontemplat fl-istess ligi tad-dwana. Izda huwa jilmenta li seizure note inharget biss fuq il-VHF u mhux fuq id-dghajsa wkoll. Minn ezami ta' l-atti allegati ma' dan il-process huwa minnu li l-uniku Nota ta' Qbid esebita mill-Kontrollur tad-Dwana hija dik li hemm esebita a fol. 31 tal-process kriminali, mmarkata bhala Dok MD, li tikkoncerna apparat VHF u ma tirrizultax nota ta' qbid fil-konfront tad-dghajsa. Fin-nuqqas ta' din in-nota ta' qbid, Borg jilmenta li l-uniku rimedju li seta' kellu ma kienx accessibli ghalih.

Minn ezami tad-disposizzjonijiet tal-ligi doganali jirrizulta li taht l-artikolu 72 tal-Kap. 37 hemm indikata l-procedura li permezz taghha sid ta' oggett maqbud ghandu jinghata avviz li jkollu tletin gurnata sabiex jitlob lura l-hwejjeg maqbuda. Imbaghad l-artikolu 73 jipprovdi ghall-procedimenti specjali li ghandhom

isiru quddiem il-Qorti. Huwa ritenut illi li dawn il-proceduri ghar-rilaxx tal-mezz tal-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx thallas, kif provdut taht l-artikolu 72 tal-Kap. 37 huma *in rem* u ghalhekk mhux rilevanti ghal dawk il-proceduri li sid il-mezz tal-garr kienx jaf jew le dwar l-uzu li kien qieghed isir mill-mezz tal-garr jew kienx konxju bl-ezistenza ta' l-oggetti zdazjati li ddahhlu Malta. Ladarba l-mezz ta' garr ta' oggetti li kienu f'Malta b'mod irregolari u bi ksur tal-ligi, skond gurisprudenza konsistenti, l-Qorti ghandha tikkonferma l-ordni ta' konfiska.

Hawnhekk issir referenza ghal sentenza recenti fir-rigward ta' din il-Qorti diversament preseduta, tat-13 ta' Novembru 2015, fl-ismijiet **Joseph Farrugia vs. Kontrollur tad-Dwana** fejn filwaqt li ghaddiet ir-rassenja ta' gurisprudenza fir-rigward, il-Qorti ziedet: *"L-artikolu 68 tal-Kap. 39 ma jaghmilx distinzjoni jekk sid il-mezz tal-garr ikunx jaf jew le bl-attività kriminali...Din il-qorti m'hijiex konvinta li dan ir-rimedju jezisti taht il-ligi u anzi jidher li l-Artikolu 68 tal-Kap.37 ma jatix diskrezzjoni lill-qorti, gialadarba ma jaghmilx distinzjoni bejn min iwettaq l-att u s-sid tal-oggett li jinqabad mill-intimat. Hu minnu li l-ligi fl-Artikolu 73 tikkontempla procedura specjali sabiex persuna tipproponi kawza biex l-oggetti maqbuda jinhelsu, madankollu meta kaz jigi quddiem il-qorti trid tapplika l-ligi sostantiva. Il-fatt li persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghal fatti tal-kaz li jkollha quddiemha. Jekk mill-provi jirrizulta li l-mezz tal-garr intuza xjentement fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma thallasx, il-konfiska hi ex lege. L-artikolu 68 ma jipprovdix ghal eccezzjoni fil-kaz li sid ma kellux x'jaqsam f'reat."* - Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dak ritenut f'din is-sentenza. Inoltré jigi osservat li dan il-punt kien ukoll sostnunt mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tad-29 ta' Jannar, 2016, fl-ismijiet **Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa vs. Kontrollur tad-Dwana.**

Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tosserva li fil-kaz in ezami mhux talli Borg ma kellux l-opportunita' li jressaq il-kaz tieghu, talli huwa ritenut li fi kwalunkwe kaz dak ir-rimedju mhux effettiv ghalih fis-sens li ladarba gie ppruvat li Agius ghamel uzu xjentement mill-ispeedboat tieghu sabiex tinkiser il-ligi

doganali, isegwi li l-Qorti ghandha tassativament tordna l-konfiska minghajr ma taghti kont ta' x'seta' kien l-involviment o meno tas-sid (ara fuq dan il-punt is-sentenza tal-10 t'Ottubru, 2005, tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fl-ismijiet **Francis Xuereb pro et noe vs. Kontrollur tad-Dwana).**

L-Avukat Generali jargumenta li Borg kellu rimedju iehor ghalih li ma giex adoperat minnu u cioé dak mahsub taht l-artikolu 675 (5) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghal kumpens meta wiehed ikollu jedd fuq oggett ikkonfiskat. Madanakollu hija fehma ta' din il-Qorti li dan ir-rimedju mhux adegwat u lanqas effettiv peress li dawk il-proceduri mhumiex intizi sabiex is-sid iressaq il-kaz tal-buona fede tieghu ghal konsiderazzjoni tal-Qorti qabel ma tigi ordnata l-konfiska. Ghalhekk minn ezami tal-provvedimenti fil-ligijiet imressqa ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta li l-konfiska tal-ispeedboat kienet wahda tassattiva u mhumiex ammessi eccezzjonijiet ladarba tirrizulta x-xjenza ta' min kien qieghed jadopera l-mezz tal-garr involut fit-twettiq tal-ksur tal-ligi. Ladarba jirrizulta li l-Qrati m'ghandhom l-ebda diskrezzjoni fl-applikazzjoni tal-ligi, huwa ritenut li f'dan il-kaz ma kien hemm ebda salvagwardja ghad-drittijiet ta' terzi persuni fuq il-proprjeta' soggetta ghall-konfiska. (kuntrarjament ghal dak provdut taht l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali). L-access ghall-Qorti kellu jkun wiehed effettiv sabiex jigu determinati l-pretensjonijiet ta' Borg, ladarba dan l-access ma rrizultax din il-Qorti ssib li tassew kien hemm il-lezjoni lamentata minn Borg.

L-Avukat Generali jressaq ukoll is-sottomissjoni li inkwantu l-azzjoni tar-rikorrent hija bbazata fuq l-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ma jista' jinghata ebda kumpens u dan skond il-provvediment tal-artikolu 47 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta), dahlet fis-sehh qabel il-gurnata stabbilita. Da parti tieghu Borg jishaq illi huwa mhux qieghed jattakka xi artikolu tal-ligi, u ghalhekk sa fejn dan l-artikolu jitratta inkompatibilità bejn il-Kostituzzjoni u ligijiet pre-ezistenti ghall-gurnata stabbilita' mhux applikabbli ghall-kaz tieghu peress li huwa qieghed jattaka l-effetti ta' sentenza kriminali li ordnat il-konfiska tad-dghajsa. Madanakollu huwa meqjus li l-ordni tal-konfiska inghata mill-Qorti tal-Magistrati ai termini tal-artikolu

68 tal-Ordinanza tad-Dwana. Dan ifisser għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, li l-ilment ta' Borg safejn imsejjes fuq il-ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jintlaqa', sewwa sew minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta li taħthom saret l-ordni tal-konfiska tal-ispeedboat mertu tal-kaz, huma mharsin mill-Kostituzzjoni nnifisha.

Ghalhekk in kwantu t-talbiet tar-rikorrenti safejn dawn jinbnew fuq l-ilment tieghu li garrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni sejrin jigu michuda.

**Allegata lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.**

In kwantu l-ilment ta' Tarcisio Borg li l-ordni ta' konfiska waslet ghall-ksur tal-jeddijiet tieghu taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghandu jinghad li l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*
>
> *Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjetà skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*

Illi kif ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha tat-23 ta' Ottubru, 2014, fl-ismijiet **Mario Falzon vs. Direttur Generali tad-Dwana,** li wettqet ezami dettaljat ta' dan l-artikolu f'cirkostanzi simili ghal dak in ezami**:**

> *"Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mill-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-*

*ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Huwa minħabba f'hekk li l-applikabilità tal-artikolu taħt il- Konvenzjoni huwa usa minn dak taħt il-Kostituzzjoni;*

*Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa' taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra; **(Pawlu Cachia vs. Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru, 2001)*

*Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. (Q.E.D.B. 23.9.1982 fil-kawza fl-ismijiet **Sporrong & Lonnroth vs. Svezja** Applik Nru. 7151/75) Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;*

*Illi l-Qorti tifhem li l-ilment li għandha quddiemha jitlob stħarriġ partikolari tal-proviso tal-artikolu 1 tal-Ewwel*

*Protokoll (li jiġbor fih it-tielet regola mit-tlieta li ssemmew aktar qabel) u dan ladarba li l-kwestjoni tintrabat sewwa ma' dispożizzjoni ta' liġi fiskali li tippreskrivi sanzjoni punitiva b'riżultat ta' għemil li jikkostitwixxi reat: jiġifieri, l-evażjoni ta' ħlas erarjali. Dan jidher li jaqbel ukoll mat-tifsira mogħtija mill-Qorti ta' Strasbourg meta tqis li "a confiscation measure, even though it does involve a deprivation of possessions, constitutes nevertheless control of the use of property within the meaning of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1". (Q.E.D.B. 4.9.2001 fil-kawza fl-ismijiet* ***Riela et vs. Italja*** *Applik Nru. 52439/99) ....*

*Illi fir-rigward tat-tielet regola, jidher li hemm qbil mill-awturi u l-ġuristi kompetenti li jgħidu li taħtha l-Istat jew l-awtoritajiet nazzjonali għandhom saħħa u setgħat diskrezzjonarji wiesa' ħafna biex joħolqu restrizzjonijiet fuq it-tgawdija minn persuna ta' ħwejjiġha, kemm f'dak li jirrigwarda t-teħid tal-pussess u wisq aktar f'dak li jirrigwarda l-indħil dwar dik it-tgawdija. Jidher ukoll (mill-kliem użat fl-istess artikolu tal-Konvenzjoni) li din it-tielet regola tgħodd bla ħsara għal dak li jipprovdu ż-żewġ regoli ta' qabilha (kif joħorġu mill-ewwel paragrafu tal-artikolu msemmi). Dan, madankollu, ma jfissirx lanqas li dik is-saħħa jew dawk is-setgħat ma għandhomx limiti jew ilġiem. Huma sewwasew l-aspett tal-interess ġenerali tal-komunità flimkien mal-element tal-proporzjonalità tal-miżura jew sanzjoni li joffru l-ħarsien tal-jedd kontra d-diskrezzjoni bla rażan tar-restrizzjonijiet fuq it-tgawdija;*

*Illi huwa aċċettat li "as this provision is to be construed in the light of the general principle enunciated in the first sentence of the first paragraph, there must exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. In striking the fair balance thereby required between the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights, the authorities enjoy a wide margin of appreciation. ... Generally speaking, the fair balance will be lacking where the applicant has to bear an individual and excessive*

*burden. ... As concerns the 'general interest' aim of the interference, the Court, accepting a wide margin of appreciation, has stated that 'it will respect the legislature's judgement as to what is in the general interest unless that judgment be manifestly without reasonable foundation'. Thus, a wide variety of aims have been considered to be in the public interest ... Various factors may play a role in the proportionality test. The Court has, for example, on occasion referred to the fact that avenues of judicial review of the contested measures had been available to the applicant"; (Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak – Theory & Practice of the European Convention on Human Rights - 4th Edition, 2006).*

*Illi, b'żieda ma' dan kollu, fejn l-indħil huwa wieħed leġislativ maħsub biex "jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni", "enforcement measures such as forfeiture, or even preventive measures such as seizure, have been examined for their compatibility with the second paragraph of Article 1". (ibid.) Fost l-imsemmija miżuri, l-Qorti ta' Strasbourg stħarrġet każijiet ta' konfiska jew iż-żamma ta' ħwejjeġ maqbuda minn attività li kien maħsub li tinvolvi l-kuntrabandu, (Q.E.D.B. 24.10.1986 fil-kawza fl-ismijiet **AGOSI vs. Renju Unit** Applik Nru. 9118/80) u ħwejjeġ miżmuma mill-awtoritajiet nazzjonali doganali dwar ħlas ta' dazju jew sisa."*

Fil-fatt fis-sentenza msemmija qabel ta' **Farrugia vs. Kontrollur tad-Dwana,** dik il-Qorti kompliet sabiex qalet: *"Il-qorti ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **AGOSI vs United Kingdom** (numru 9118/80) deciza fl-24 ta' Ottubru 1986; "However, the Court did hold in Agosi v. U.K. that there were procedural requirements implicit in the protection of property rights, namely that **there should be procedures which enabled reasonable account to be taken of the link between the conduct of the owner and breach of law and to afford the owner to put his case to the responsible authorities**. (enfasi mizjud mill-Qorti) In both Agosi and Air Canada, the possibility of judicial review of the Customs Commissioners decisions were found to furnish sufficient procedural protection although the decisions were*

*essentially unreasoned, limiting the ability to challenge them" (A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights, Karen Reid, Raba' Edizzjoni (2011), Sweet & Maxwell, pagna 429)"* Din il-Qorti taqbel li l-opportunità li l-Qrati jistharrgu l-involviment tas-sid u ghemilu u l-konnessjoni taghhom mal-ksur tal-ligi, fil-kaz in ezami, ma jezistux.

Meta wiehed japplika dawn il-principji ghall-kaz in ezami, wiehed jara li mill-perspettiva ta' Tarcisio Borg dan qieghed jilmenta li ghalkemm huwa ma kellu x'jaqsam xejn mar-reat, huwa permezz ta' l-ordni ta' konfiska, gie deprivat mill-proprjetà tieghu u gialadarba huwa kien estraneju ghall-process kriminali, huwa sofra pregudizzju eccessiv u sproporzjonat u b'hekk l-ordni ta' konfiska ma lahqitx il-grad ta' "fair balance" li jirrikjedi l-artikolu in kwistjoni. In sostenn tal-ilment tieghu, Borg jaghmel referenza ghal zewg sentenzi tal-Qorti Ewropeja senjatament dawk ta' **Broniowski vs. Polonja** Applik. Nru. 31443/96 u **Yildirum vs. Italja** Applik. Nru. 38602/02, filwaqt li jikkoncedi li t-tendenza fl-applikazzjoni tal-fair balance test mill-Qorti Ewropeja fir-rigward ta' ordni ta' qbid wara reat kriminali hija favur l-interess generali, izda jikkontendi li dan kien peress li l-applikanti kellhom xi forma ta' involviment f'dak ir-reat. F'dan l-ahhar kaz citat kien ritenut illi:

> *"As regards the balance between that aim and the applicant's fundamental rights, the Court reiterates that, where possessions that have been used unlawfully are confiscated, such a balance depends on many factors, which include the owner's behaviour. It must therefore determine whether the Italian authorities had regard to the applicant's degree of fault or care or, at least, the relationship between his conduct and the offence which had been committed..."*

Issa fil-kaz odjern filwaqt li huwa minnu li Tarcisio Borg ma kienx implikat fil-proceduri kriminali kontra Joseph Agius, din il-Qorti meta tigi biex tara l-grad ta' diligenza ezercitata mill-istess Borg meta halla d-dghajsa tieghu fil-kustodja ta' l-akkuzat Joseph Agius, kif waslet l-ghazla fuq Joseph Agius u r-rapport bejn dawn it-tnejn min-nies huma pjuttost neboluzi

proprju peress li naqset li tinghata l-opportunità lil Borg iressaq 'il quddiem id-drittijiet vantati minnu quddiem Qorti. Fir-rikors tieghu quddiem il-Qorti tal Magistrati jinghad li Borg halla din l-ispeedboat fil-kustodja ta' Agius sakemm kien imsiefer. Ma jirrizultax ghal kemm zmien Borg dam imsiefer. Madanakollu mill-istess proceduri, mix-xhieda (fol.43 sa 48 ta' l-atti allegati) ta' Sandro Attard li nqabad flimkien ma' Joseph Agius dakinhar li kienu qeghdin jigu mdahhla l-ghasafar illegalment, jirrizulta li din l-ispeedboat ma kienitx l-ewwel darba li ntuzat minn Joseph Agius ghal attiviatjiet illegali, izda sahansitra t-tielet darba. Inoltré l-istess Joseph Agius jghid lill-Pulizija (fol.72 u 73 tal-process) li din l-ispeedboat kienet ilha ghandu xi xahrejn u nofs u kien qieghed jiehu hsiebha fuq l-irmigg tieghu gewwa t-Trunciera fl-Ghadira. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju li tistabilixxi l-buona fede ta' Borg, izda dawn il-fatturi maghduda flimkien mar-riluttanza tal-istess Borg li jzomm lill-Agius responsabbli ghall-agir tieghu, ihassbu xi ftit lil din il-Qorti.

Minn naha l-ohra ghalkemm kif jargumenta l-Avukat Generali li fl-ahhar mill-ahhar l-ordni ta' konfiska jew tehid forzuz sar b'applikazzjoni tal-ligi, dan ma jezentax lill-Istat mid-dover li ma jitfax piz sproporzjonat billi jcahhdu minn kull opportunità li jressaq quddiem l-awtoritajiet kompetenti s-sottomissjonijiet tieghu sabiex dawn ikunu jistghu jaghmlu l-apprezzament taghhom tal-grad tal-htija jew kura tieghu jew tal-anqas tar-relazzjoni bejn l-imgieba tieghu u l-ksur tal-ligi riskontrat. Illi l-fatt li l-Istat ghandu margni wiesa' ghal dak li jirrigwarda determinazzjoni ta' dawk il-mizuri legislattivi li huwa jiehu fl-interess pubbliku f'dak li huwa deterrent effettiv ghat-twettiq ta' reat però huwa fatt ukoll li l-indagni m'ghandhiex tkun limitata dwar jekk ikunx hemm ksur ta' artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, billi tara biss li l-mizuri legislattivi jkunu saru fl-interess pubbliku. Il-Qorti ghandha dmir tinvestiga jekk il-mizura legislattiva li hija fl-interess pubbliku, hix proprozjonali ghall-indhil li jkun sar, specjalment jekk is-sanzjoni tal-konfiska mahsuba fil-ligi, tolqot ukoll lil min ma jkunx kiser il-ligi. Il-Qorti tara, ghalhekk, jekk il-mizuri addottati sabiex jintlahaq dak il-ghan humiex sproporzjonati, fil-konfront tad-drittijiet tal-persuna li giet deprivata mill-proprjetà taghha minghajr ma nghatat l-opportunità li ssemma' lehenha. Dan l-isproporzjon

jigi riskontrat fil-kaz odjern fin-nuqqas li ssemma qabel, in kwantu l-intimat Borg ma kellux l-opportunità jsemma' lehnu sabiex possibilment ivarja l-ordni ta' konfiska a bazi tal-fatt li hu bhala sid ta' l-ispeedboat ma kellu x'jaqsam xejn mal-agir illegali ta' terza persuna.

Ghalhekk meta tqis kollox din il-Qorti jidhrilha li r-rikorrent fil-kaz odjern jimmerita kumpens morali inkwantu ksur tal-proporzjonalità bejn l-interess tal-kollettività u l-interess individwali meta ma nghatax access sabiex iressaq il-posizzjoni dwar id-dritt tieghu fuq l-istess dghajsa quddiem il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

Tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti li jithassru l-proceduri ta' disprezz;

Tichad it-talbiet tar-rikorrent sa fejn jitlob kumpens materjali xieraq talli ttiehditlu d-dghajsa;

Tichad it-talbiet tar-rikorrenti safejn dawn jinbnew fuq l-ilment tieghu li garrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti billi ssib li huwa garrab ksur tal-jedd tieghu kif imhares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan peress li ma nghatax l-opportunità li jikkontesta effikacement it-tehid tal-ispeedboat tieghu;

Tillikwida, bħala kumpens dovut lir-rikorrenti minħabba l-ksur tal-jedd fuq imsemmi, is-somma ta' tliet mitt ewro (€300);

Illi in kwantu huwa ritenut li l-proceduri ta' disprezz jimmeritaw konsiderazzjoni separati lil hinn minn dawn kostituzzjonali, tordna li jkompli s-smigh tal-kawza in kwantu ghad-disprezz muri lejn il-Qorti bl-agir ta' l-intimat;

Tordna li l-ispejjez ta’ din l-istanza, jinqasmu in kwantu ghal nofshom ghar-rikorrenti u n-nofs l-iehor ghall-intimati bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG